MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 194/2009

**A B f'isimha proprju u ghan-nom u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C B b'digriet tat-30 ta' Novembru 2009**

**-vs-**

**D B;**
**E F G; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi fit-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) twieled il-minuri C B minn relazzjoni barra miz-zwieg bejn l-attrici u l-intimat E F G.

Illi t-twelid tal-minuri jirrizulta mill-anness certifikat Dok A.

Illi ghalkemm l-esponenti kienet ghadha mizzewga ma’ D B, kienet ilha separata *de facto* minnu ghal bosta snin, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u bejniethom ma kien hemm ebda possibilita’ ta’ kuntatt. Hi nfirdet minhabba vjolenza u theddid serju, liema vjolenza baqghet sejra anke tul proceduri ohra pendenti bejn il-partijiet tant li l-esponenti kellha kemm-il darba titlob il-protezzjoni tal-Qorti. Sahansitra, il-Qorti kienet ipprovdiet li tirritorna id-dar taghha bi skorta tal-pulizija ghall-ahjar protezzjoni taghha.

Illi l-esponenti ilha sa mis-sena elfejn u sebgha (2007) f’relazzjoni kontinwa u stabbli mal-konvenut G kif ukoll jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi t-tifel hu l-wild naturali ta’ E F G skond kif jirrizulta mill-anness certifikat ta’ test tad-DNA immarkat Dokument B.

Illi t-tifel mhux qed jipposjedi l-istat ta’ iben il-konvenut D B.

Illi ghalhekk jenhtieg li c-certifikat tat-twelid tal-minuri ikun konformi mal-istat tieghu billi jsiru il-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid skond il-Ligi u flok il-konnotati ta’ D B jitnizzlu l-konnotati ta’ E F G bhala missier it-tifel.

Ghaldaqstant, il-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri C B hu l-wild naturali tal-konvenut E F G b’mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri li kopja tieghu hi hawn annessa bhala Dokument A f’dan is-sens;

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi numru 2119/08 (Dok. A) fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar missier it-tarbija billi jigu sostitwiti l-isem u kunjom tal-intimat E F G u fil-kolonni l-

ohra appoziti jitnizzlu l-konnotati tieghu kif dawn jirrizultaw mill-provi migbura f'din il-kawza;

Tawtorizza li l-istess minuri jzomm il-kunjom 'G'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom ingunti minn issa stess in subizzjoni.

Rat illi l-intimati D B u E F G, ghalkemm debitament notifikati, ghazlu li ma jwegbux ghall-kawza.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament jibda biex jinghad li ghallinqas mill-atti li gew servuti lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet nominata bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri C B skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. B'zieda ma' dan irrispettivament jekk hemmx l-imsemmija awtorizazzjoni jew le, xorta wahda tibqa' l-umili fehma tal-esponent li biex ma jinkorrix ir-riskju li l-interessi personali tal-omm A B jipprevalu u jiehdu post dawk tal-minuri C B huwa essenzjali fl-ahjar interess tal-istess minuri li hu, tenut kont tal-eta' zghira tieghu, ikun rapprezentat minn persuna indipendenti mill-kwistjonijiet interni li jistghu jezistu bejn il-partijiet kontendenti li huma lkoll partecipi f'dawn il-proceduri istanti;

Illi *in limine litis* ukoll jigi eccepit li r-rikorrenti A B fil-vesti taghha bhala omm m'ghandhiex il-jedd skond il-ligi li titlob li jigi deciz u ddikjarat li l-minuri C B huwa l-wild naturali tal-konvenut E F G. *Semmai* kulma tista' tezercita f'dan il-kuntest huwa d-dritt li tattakka l-filjazzjoni ta' binha, billi titlob li jigi deciz u ddikjarat li binha C B m'huwiex il-wild naturali ta' zewgha D B u dan fil-parametri delineati fl-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dwar il-mertu tal-kawza l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi

processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

Illi madanakollu salv ghall-premess, biex tirnexxi din l-azzjoni, ir-rikorrenti jridu jipprovaw li l-intimat D B fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifla, kien fl-impossibilita’ fizika li jghammar ma’ martu A B minhabba li kien boghod minnha ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fl-istess waqt irid jigi pprovat ukoll li l-pussess ta’ stat tal-minuri C ma jaqbilx mal-istat li jaghtih l-Att tat-Twelid korrispettiv a tenur tal-Artikolu 81 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi subordinatament bla hsara ghal dak fuq espost, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti, huwa importanti sabiex jintlaqghu t-tieni u t-tielet talbiet sussegwenti li r-rikorrenti jispecifikaw id-dettalji personali kollha tal-allegat missier naturali, senjatament l-isem u l-kunjom, id-dokument tal-identita’, l-eta’, il-post tat-twelid, il-post ta’ residenza u isem u kunjom tal-missier patern u jekk ghadux haj, sabiex dawn jigu inseriti fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 2119 tas-sena 2008 kif korrett. Inoltre l-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem D B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid *de quo*;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m’hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u ghalhekk huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat l-atti kollha u x-xhieda prodotti; partikolarment ix-xhieda ta’ Dr. Marisa Cassar li kkonfermat bil-gurament ir-rizultati tal-ezamijiet medici minnha esegwiti u li ppruvaw

bla dubju illi l-minuri huwa effettivament iben naturali ta’ E G.

Rat l-Art. 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti rnexxielha tipprova ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti illi l-minuri m’huwiex wild zewgha izda huwa wild E F G.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi l-minuri C B li twieled fit-18 ta’ Gunju 2008 m’huwiex iben D B izda huwa wild E F G;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna sabiex fl-Att tat-Twelid Nru. 2119 tal-2008 fil-kolonna bid-dettalji tal-missier jithassru l-konnotati ta’ D B u jitnizzlu minflok il-konnotati ta’ E F G, Nru. Tal-Karta tal-Identita’ 29052A tal-eta’ ta’ erbgha u ghoxrin sena, imwieled Kirkaldy, l-Iskozja u residenti Bugibba, Malta, iben H I, haj. Mill-kolonna bid-dettalji dwar l-omm ghandhom jithassru l-kliem ‘*the said*’. Kunjom it-tarbija ghandu jkun G.

L-ispejjez jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------